*Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-Enemalta*

*Abbuz Proceduralі*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## IMHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

## Digriet tallum il-Hamis, 8 ta' Ottubru 2015.

**Rikors Numru: 1421/2015/LSO**

**Rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1421/2015/LSO fl-ismijiet:-**

**Joseph Xerri (ID 675257)**

**vs**

**Enemalta plc (C-65836)**

**Il-Qorti,**

## I. <u>PRELIMINARI.</u>

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti Joseph Xerri (ID 675257M) fl-10 ta' Settembru 2015 fejn talab li s-socjeta' Enemalta p.l.c. tigi mizmuma milli taqta' jew tissospendi kwalsijasi servizz tad-dawl u/jew ilma mahruga f'isem l-istess rikorrent jew b'xi mod iehor tfixklu fit-tgawdija tal-istess.

Ir-rikorrent iddikjara s-segwenti:-

1. Illi l-esponenti ghandu mahruga f' ismu diversi servizzi tad-dawl u l-ilma u dan kif jirrizulta mill-anness dokument 'A'.

2. Fost dawn hemm ukoll is-servizz tad-dawl tal-fond tmienja (8), Dean Court, Triq il-Ward, Madliena, li llum huwa sospiz.

3. Illi fuq dan il-fond hemm prezentement pendenti bilanc minn ammont akbar fl-ammont ta' €8.036.06 liema kont qieghed jigi kontestat mill-esponenti *stante* li l-konsum relattiv huwa esagerat. F'dan ir-rigward jinghad illi l-kont relattiv jirrigwarda *penthouse* ghal uzu residenzjali, ghal perijodu ta' madwar sena u nofs li dwaru l-esponenti diga' hallas €4,000 u llum fadal il-bilanc hawn fuq indikat fl-ammont ta' €8,036.06.

4. Illi l-esponenti kien ilmenta mas-socjeta' intimata, u ma' Arms Limited, dwar tali konsum ezagerat u fil-fatt din ipprocediet sabiex tbiddel il-*meter*, ossia *smart meter*, tal-imsemmi fond.

5. Izda xahar biss wara li nbidel il-meter, is-socjeta' intimata qatghet id-dawl tal-imsemmija *penthouse* b'mod li ma kienx possibbli ghall-esponenti li jiddetermina jekk kienx ha jkun hemm avarija fil-konsum.

6. Illi recentement l-esponenti ircieva ittra datata 31 ta' Awwissu 2015 minghand Arms Limited li permezz taghha hu gie mgharraf li s-socjeta' intimata kienet bi hsiebha taqta' s-servizzi l-ohra kollha tal-esponenti li evidentement m'ghandhomx x'jaqsmu ma' din il-vertenza (*vide* Dokument 'A').

7. Illi dan qed isir sabiex l-esponenti jigi mgieghel ihallas qabel ma l-vertenza tigi determinata gudizzjarjament skont dak li tipprovdi l-ligi, dan aktar u aktar ghaliex is-servizz li dwaru hemm il-kontestazzjoni diga' huwa sospiz.

8. Illi l-agir tas-socjeta' intimata huwa kjarament abbuziv billi jikkonsisti f'rikatt intiz sabiex l-esponenti ma jkunx jista' jfittex ghad-drittijiet tieghu u jigi mgieghel ihallas minnufih.

9. Illi ghalhekk kemm-il darba dan il-mandat ma jintlaqax l-esponenti ser isofri pregudizzju irrimedjabbli ghad-drittijiet tieghu.

10. Illi tenut kont tal-urgenza tal-vertenza l-esponenti jitlob bir-rispett li t-talba tieghu tigi akkolta provizorjament.

Illi l-esponenti se jigi ppregudikat jekk l-intimat ma jigix inibit kif inghad;

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex izzommu milli jkompli jaghmel il-hwejjeg hawn fuq imsemmija.

Rat id-digriet tal-10 ta' Settembru 2015 fejn il-Qorti laqghet it-talba provvizorjament u ordnat in-notifika lill-kontro-parti b' erbat ijiem zmien ghar-risposta. Irriservat li tipprovdi definittivament fi stadju ulterjuri, u appuntat l-Mandat ta' Inibizzjoni ghall-Hamis 24 ta' Settembru 2015 fl-10:00a.m.

Rat ir-risposta tas-socjeta` Enemalta plc datata 14 ta' Settembru 2015 a fol 7 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tal-24 ta' Settembru 2015 fejn meta ssejjah ir-rikors deher ir-rikorrent assistit minn Dr Massimo Vella. Dehret Dr Rebecca Micallef ghall-Enemalta plc. Id-difensuri tal-partijiet trattaw ir-rikors, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Waqt it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet dahal Eric Montfort bhala rapprezentant tas-socjeta` intimata. Id-difensuri tal-partijiet qablu li d-dokument li gie esebit b'nota mmarkata Dok MV1 hija ricevuta mahruga mill-Arms Ltd. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet. Ir-rikors gie differit ghal digriet kamerali.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha pprezentati.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi dan huwa rikors fejn ir-rikorrent qed jitlob li l-intimata tigi inibita milli taqta' jew tissospendi kwalsijasi servizz tad-dawl u/jew ilma mahruga f' ismu, jew b'xi mod iehor tfixklu fit-tgawdija tal-istess.

Illi l-fatti li jemergu mill-atti mhumiex in kontestazzjoni. Jirrizulta li hemm kont pendenti fl-ammont reklamat mill-intimata ta' €9036.06, li l-intimata tghid huwa dovut mir-rikorrent fir-rigward tas-servizzi tad-dawl u l-ilma provduti fil-fond tar-rikorrent 8, Dean Court, Triq il-Ward, il-Madliena. Dan huwa bilanc ta' somma akbar ghaliex ir-rikorrent kien gja hallas €4,000. Dan il-kont fih innifsu qed jigi kkontestat u difatti hemm proceduri ta' arbitragg li ghadhom pendenti bejn il-partijiet. Ir-rikorrent qed isostni li dan l-ammont mhuwiex dovut fis-shih minhabba li huwa esagerat.

Ir-rikorrent agixxa permezz tat-talba odjerna billi rcieva ittra mill-ARMS[1] Limited datata l-31 ta' Awissu 2015, fejn gie mgharraf li ser jinqatghulu s-servizzi kollha tad-dawl u ilma registrati fuq ismu fuq proprjetajiet ohra aparti dak li fuqu hemm il-kont ikkontestat. Hemm bilanc pendenti fuq il-kontijiet ta' dawn il-fondi l-ohra fl-ammont komplessiv ta' €1948.25 maqsuma f'ammont varji bejn €23 sa €1042 filwaqt li ma hemmx bilanc pendenti fuq ir-residenza tar-rikorrent. Fil-mori thallas €1109.21.

[1] Automated Revenue Management Services Limited.

Il-partijiet qablu fit-trattazzjoni li r-rikorrent istitwixxa proceduri ta' arbitragg dwar il-kont disputat izda kopja tal-att relattiv ma giex esebit.

F'din l-ittra esebita a fol 2 tal-process, insibu hekk: "*In the event you remain in default, ARMS Ltd, is hereby formally notifying you that the provision of utility services may not be guaranteed and that further action in terms of law may be taken without further forewarning."* Ma’ din l-ittra gie anness *statement* li juri l-kontijiet pendenti fuq kull proprjeta` fejn is-servizz huwa registrat f'isem ir-rikorrent, inkluz ir-residenza tieghu .

Illi min-naha l-ohra l-Intimata tghid ir-rikorrent kien gja pprezenta rikors identiku ghall-hrug ta' mandat ta' Inibizzjoni kontra l-Arms Limited (MI1392/15), liema talba giet michuda (**DOK E1**); fejn hemm kont li jibqa' ma jithallasx, l-ARMS Limited tirrakkomanda lill-Intimata biex tghaddi ghas-sospensjoni tal-provista tal-elettriku skont ir-**Regolament 67 tar-Regolamenti dwar il-Provista tal-**Elettriku (L.S.545.01). Dan l-istess dritt tal-qtugh tal-fornitura tas-servizz tal-ilma jemani mir-Regolamenti dwar il-Fornitura tal-Ilma (L.S.545.03). Huwa minnu li hija ghandha s-setgha li tissospendi l-provista tal-kurrent elettriku imma biex taghmel dan trid tircievi istruzzjonijiet minghand ARMS Limited; ir-rikorrent gja ffirma *repayment agreement* mas-socjeta' ARMS Limited dwar il-kont in kontestazzjoni u dan l-ammont baqa' ma thallasx; l-ittra tal-31 ta' Awwissu 2015 inharget skont il-Ligi u ma hemm xejn abbuziv. Anzi r-rikorrent gie offrut il-possibilita' li jintlahaq arrangament dwar il-modalita' tal-pagamenti fuq il-kont; li

mit-testijiet maghmula ma rrisultax li l-*meter* kien difettuz u dan il-fatt kien gie kkomunikat lir-rikorrent (DOK E4).

**Dispozizzjonijiet Legali Rilevanti**

**L.S. 545.01 Regolamenti dwar il-Provista tal-Elettriku**

Ir-regolament numru **67 jiddisponi hekk:**

**"***Jekk kont jew talba ghall-hlas, debitament prezentata lill-konsumatur, ma tithallasx fi zmien erbatax-il jum minn mindu tigi prezentata, jew jekk id-depozitu mehtieg skond ir-regolament 8 ma jsirx fi zmien erbatax-il jum minn meta ssir dik it-talba, il-provvista tal-kurrent f'dak il-kont u f'kull kont iehor li jkun f'isem l-imsemmi konsumatur tista' tigi sospiza minghajr ma jinghata ebda avviz minn qabel*."

Din id-disposizzjoni ssib ir-rifless taghha f'**L.S.545.03 - Regolamenti dwar il-fornitura tal-Ilma.**

Ir-regolament 30 jiddisponi hekk:

***"30.*** *Jekk xi flus misthoqqin lill-Korporazzjoni taht dawn ir-regolamenti ghal xi raguni ma jitjallsux fi zmien hmistax-il jum mid-data specifikata kif indikat fil-kont fejn jintalab il-hlas ta' dawk il-flus jew jekk xi depozitu ma jsirx meta mehtieg skond ir-regolament 7, jghaddi imghax fuq tali flus jew depozitu bir-rata ta' 9% fis-sena ghal kull jum li jghaddi wara l-imsemmija hmistax-il jum sal-jum li fih isir il-pagament, u il-fornitura ta' l-ilma tista' tinqata' u s-servizz jista' jitnehha sa ma dawk il-flus jithallsu jew sa ma jsir dak*

*id-depozitu. Jekk is-servizz ma jitnehhiex, il-hlas tas-servizz jibqa' misthoqq:*

*Izda kull imghax dovut ghandu jigi mahfur jekk l-ammont jew depozitu jit]allas fi zmien hamsa u erbghin jum mid-data specifikata kif indikat fil-kont*."

**Mandat ta' Inibizzjoni 1392/15 TM** fl-ismijiet **Joseph Xerri (ID675257M) v Automated Revenue Management Services Limited (C-46054).**

B'digriet ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta tat-3 ta' Settembru 2015, giet michuda talba identika maghmula mir-rikorrent kontra l-ARMS Ltd. Kopja ta' dan id-digriet huwa esebit in atti (fol 12-14). Il-Qorti sabet li l-mandat mhuwiex mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent ghalkemm sabet li "*Huwa minnu li dan huwa forma ta' pressjoni fuq ir-rikorrent biex ihallas il-kont kontestat, ghax ghandu r-residenza tieghu u postijiet ohra tieghu mikrija lill-terzi; li ma jistax ma jkollhomx is-servizz tad-dawl , pero' mhux biss is-socjeta' intimata(ARMS Ltd) ma hux il-funzjoni taghha li taqta' d-dawl fl-ambjenti fejn ikun hemm kontijiet pendenti, pero' wkoll jezistu rimedji ohra disponibbli ghar-rikorrent biex jevita l-qtugh tas-servizzi propost (bhal hlas taht protesta jew ghoti ta' garanzija) u ma jirrizultax li l-allegat pregiudizzju huwa irrimedjabbli.*"

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' Dritt applikati ghall-kaz in ezami.</u>**

Il-hrug ta' dan il-Mandat qed jintalab fit-termini **tal-artikolu 873 (1) u (2) tal-Kap.Tnax tal-Ligijiet ta' Malta.**

Premess li l-ghan ta' talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista' tkun ta' hsara jew pregudizzju lil parti li titlob il-hrug tal-mandat (**Art 873 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta).**

Bil-ligi jehtieg li r-rikorrenti juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi li l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrenti tant li bin-nuqqas ta' hrug tieghu ir-rikorrenti ser isofri pregudizzju;[2] it-tieni haga hi li r-rikorrent ikun jidher li ghandu 'prima facie' dawk il-jeddijiet.[3] Dawn iz-zewg elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi u jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghal hrug ta' mandat bhal dak; inoltre huma kriterji oggettivi u fl-applikazzjoni tal-ligi dwar kif u meta ghandu jinhareg mandat il-Qorti ghandha tuza interpretazzjoni restrittiva. Dan ghaliex il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni bhal kull mandat kawtelatorju jsir fi zmien meta l-pretensjoni ma tkunx ghadha giet guridikament accertata u stabbilita.

Hu pacifiku li din hija mizura ta' natura eccezzjonali **(Grech proprio et nomine vs Manfre)** fuq citat b'dan li jkun hemm il-biza' li jekk ma jinharigx tali mandat id-dritt tar-rikorrenti jintilef ghal dejjem.

---

[2] Ara f'dan is-sens *"**Grech proprio et nomine vs Manfre**"* – A.C. – Dec.14 ta' Lulju 1988 – Vol. LXXII.ii.290; u "***40, Main Street Catering Establishment Limited vs L-Awtorita` tal-Ippjanar"*** (P.A. (RCP) - Dec. 2 ta' Novembru 2010.

[3] Ara f'dan is-sens **"*Emmanuel Sammut -v- Josephine Sammut*"** P.A.(TM)-dec.5.06.2003.

Tajjeb li jkun riaffermat li l-procedura odjerna hija mahsuba biex tkun wahda sommarja. Il-fatt illi tintlaqa` talba ghall-hrug tal-Mandat, m`ghandux ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Kif daqstant iehor m`ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-Mandat ikun michud allura l-jedd pretiz ma jezistix. Mhux kompitu ta' din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Dan kollu qed jinghad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta` din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet taghhom fil-mertu izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv.

Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern il-Qorti ser taghmel is-segwenti konstatazzjonijiet.

**Jedd '*Prima Facie'- Abbuz Proceduralі u Smigh Xieraq***

Ir-rikorrent issottometta li s-setgha li taghti l-Ligi lill-Enemalta p.l.c tammonta ghall-abbuz procedurali. Il-kreditur (Enemalta p.l.c) intimah li jekk ma jhallasx, ser jinqatghalu s-servizz f'proprjetajiet ohra mikrija lill-terzi kif ukoll fir-residenza personali tieghu fejn il-kont huwa kollu mhallas.

Tajjeb li jigi precizat li l-kontestazzjoni tallum tirrigwarda l-qtugh tas-servizz fil-proprjetajiet <u>l-ohra</u> u fir-residenza tar-rikorrent billi s-servizz tal-post tal-Madliena, fejn hemm pendenti l-kont ta' €8000 huwa gja sospiz.

L-abbli difensur tar-rikorrent ghamel riferenza ghall-giurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna li dejjem irrezistew

li jilqghu talbiet ghall-hrug ta' mandati kawtelatorji fejn l-iskop uniku huwa li tinholoq pressjoni fuq id-debitur.

Hekk ad ezempju din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz fl-ismijiet **Paul Attard noe v Loreto Abela** (PA(JRM) - 25 ta' Mejju 2005) irriteniet li :-

*"Il-Qrati taghna dejjem gharfu wkoll li l-jedd li wiehed idur ghal rimedji gudizzjarji ma ghandux jitbiddel f'abbuz tal-procedura bil-hsieb li, biex idejjaq jew b'mod fieragh, igib lill-parti avversarja f'qaghda li jkollha ccedi ghar-rikatt, ghandha jew m'ghandhiex ragun. Kien ghalhekk ukoll li fil-qafas ta' kwestjonijiet ta' din l-ghamla, il-Qrati taghna, minn zmien ghal zmien, fissru l-limiti u c-cirkostanzi dwar fejn u kif jista' jitqies li jkun sehh abbuz mill-process gudizzjarju bi hsara ghal haddiehor."*

Ir-rikorrent jghid li l-istess principji ghandhom japplikaw biex jarginaw l-agir tas-socjeta' intimata fejn l-agir taghha hija intiza biex tohloq pressjoni fuqu biex ihallas, jew ihallas taht protesta, qabel ma tigi determinata finalment il-kontestazzjoni bejniethom. Tali azzjoni ggib fix-xejn il-jedd tieghu ghas-smigh xieraq.

Ikkonsidrat li l-jedd pretiz li qed jigi vantat mir-rikorrent huwa l-jedd ghall-protezzjoni kontra abbuz procedurali u ghas-smigh xieraq qabel ma jittiehdu sanzjonijiet ezekuttivi kontrih. Ma hemmx dubbju li l-Intimata ghandha id-dritt li taqta' s-servizzi <u>kollha</u> f'isem il-konsumatur anke f'kaz ta' morozita' f'kont wiehed minnhom biss.

Izda anke d-drittijiet u poteri moghtija lill-awtoritajiet governattivi tal-pajjiz huma sindakabbli mill-Qrati taghna (***vide*** **Art.469A tal-Kap.Tnax tal-Ligijiet ta' Malta)** *multo magis* l-azzjoni ta' entita' kummercjali.

Ir-regolament 67 fuq citat jaghti diskrezzjoni lill-Intimata biex taqta' s-servizz, tasal ghall-ftehim, taccetta depozitu akkont, u dan kollu minghajr l-ebda riferenza lill-awtorita' gudizzjarja. Effettivament il-konsumatur ma ghandu l-ebda vuci fil-kapitolu. Jekk jopponi ghall-kontegg, jew ghall-kondizzjonijiet tal-ftehim, irid ibaxxi rasu u jhallas, taht protesta iva, imma l-effett tal-hlas huwa li jigi pprivat minn flusu qabel ma jkun hemm determinazzjoni finali tal-kontestazzjoni u minkejja li ma jkunx hemmx biza' li l-pozizzjoni finanzjarja tieghu hija wahda prekarja.

F'dan ir-rigward l-Enemalta p.l.c hija f'posizzjoni ferm izjed privileggjata minn kwalsiasi kummercjant jew intrapriza li tista' biss tmexxi b'mandati kawtelatorji kontra d-debitur pretiz u fejn il-Qorti tiddetermina wkoll l-firxa tal-kawteli mitluba.

Fil-kaz odjern, il-Qorti semghet mid-difensur tal-Intimata li *payment under protest* huwa l-uniku rimedju disponibbli lill-konsumatur li ma jaccettax kont. Semghet ukoll li r-rikorrent huwa moruz fil-pagamenti minkejja li baghtulu l-kontijiet tramite l-ARMS Limited, izda dan ma jbiddilx il-fatt li l-Intimata tinsab f'pozizzjoni ferm aktar privileggjata minn kreditur kwalunkwe. Din il-posizzjoni hija perturbanti meta wiehed jqies is-sahha monopolistika li tgawdi l-Intimata fis-suq Malti.

Ikkonsidrat li fil-kaz odjern, ir-rikorrent mhuwiex qed jinjora l-interpellazzjoni ghall-hlas tal-Intimata ghaliex ezercita dritt legittimu lilu koncess li jikkontesta kont mahrug mill-istess socjeta' bil-mezzi li ttih il-Ligi stess (l-Arbitragg). Huwa dan il-kont biss li baqa' ma thallasx u l-Qorti hi tal-fehma li l-insistenza tal-Enemalta p.l.c li tiehu azzjoni li hija fl-essenza taghha azzjoni b'effetti ezekuttivi hija wahda abbuziva ghalhiex ghad m'hemm xejn deciz. Aktar u aktar meta l-qtugh huwa previst anke f'dawk il-fondi mikrijin lill-terzi kif ukoll fir-residenza tar-rikorrent fejn lanqas kien hemm kont pendenti.

Dan kollu jinduci lill-Qorti biex tikkondividi t-tezi tar-rikorrent li l-uniku skop ta' dan l-agir huwa wiehed proceduralment abbuziv biex johloq pressjoni fuqu.

Ghalhekk dan l-ewwel rekwizit huwa soddisfatt.

**Irrimedjabbilita'**

Huwa anke soddisfatt it-tieni rekwizit ghaliex fil-fehma tal-Qorti d-decizjoni tal-Enemalta p.l.c li taqta' s-servizzi tad-dawl kullimkien fejn jolqot lir-rikorrent (u mhux biss fil-fond milqut bil-kont partikolari) hija decizjoni b'effetti ezekuttivi u irrimedjabbli. Din id-decizjoni ragjonevolment u gustament ghandha tittiehed wara li hi tigi kanonizzata kreditur fuq indagni arbitrali u meta il-*lodo* ssir finali ghaliex b'hekk jigi zgurat li kull parti tinghata s-smigh xieraq.

M'ghandhiex ghalfejn tissenjala li tali decizjoni, jekk titwettaq, ser tesponi lir-rikorrent ghad-danni kuntrattwali sofferti mit-terzi inkwilini tieghu. *Inoltre*, jispicca bla servizz fid-dar tieghu. B'hekk l-ezercizzju tad-diskrezzjoni in kwistjoni hija wkoll ta' natura punittiva li m'ghandhiex tigi permessa jekk mhux wara accertament gudizzjarju.

F'tali kuntest il-Qorti taqbel li r-rikorrent ser ibaghti pregudizzju rrimeddjabbli jekk jigi espost ghall-qtugh prospettat. Li jhallas *under protest* mhuwiex rimedju accettabbli ghaliex jibqa' l-fatt li xorta qed jigi zvestit minn hwejgu fl-assenza totali tas-smigh xieraq.

Ghaldaqstant billi anke dan ir-rekwizit huwa soddisfatt, il-Qorti ser tghaddi biex tilqa' t-talba ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni fit-termini dedotti.

## III. DECIDE

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, wara li rat l-atti kollha relattivi, **taqta' u tiddeciedi**, billi jirrizultalha li gie ppruvat *prima facie* d-dritt vantat mir-rikorrent u li wkoll jezistu l-elementi kollha necessarji ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-Enemalta p.l.c. **tilqa' t-talba** ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni fil-konfront tal-intimata.

L-ispejjez jithallsu mill-intimata.

**Degretat.**

**Onor. Mhallef Lorraine Schembri Orland**

**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**8 ta' Ottubru 2015**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**8 ta' Ottubru 2015**